Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Mejju 2016**
**(OR. en)**

**8668/16**

**AUDIO 53**
**CULT 35**
**DIGIT 45**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 7874/16 AUDIO 39 CULT 26 DIGIT 34 |
| Suġġett: | Reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u l-promozzjoni tal-kontenut awdjoviżiv Ewropew<br>*- Dibattitu ta' orjentazzjoni*<br>(Dibattitu pubbliku skont l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (RPK) [Propost mill-Presidenza]) |

Wara konsultazzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Settur Awdjoviżiv, il-Presidenza ħejjiet id-dokument ta' diskussjoni mehmuż bħala l-bażi għad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport fit-30 u l-31 ta' Mejju 2016.

**ANNESS**

# Reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u l-promozzjoni tal-kontenut awdjoviżiv Ewropew

**Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza**

## INTRODUZZJONI U MISTOQSIJIET

Il-Kummissjoni tippjana li tippreżenta l-proposta tagħha għal reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMS) fil-25 ta' Mejju 2016. Jekk tiġi ssodisfatta din l-iskeda ta' żmien, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-proposta fil-Kunsill EYCS (parti kultura u awdjoviżiva) fil-31 ta' Mejju, bi skambju ta' fehmiet mill-Ministri wara dan.

Bħala kontribut addizzjonali għal dan l-iskambju ta' fehmiet, il-Presidenza ħejjiet dan id-dokument ta' diskussjoni li jiffoka fuq objettiv partikolari wieħed tad-Direttiva dwar l-AVMS, li huwa l-promozzjoni ta' kontenut awdjoviżiv Ewropew. Id-dokument ta' diskussjoni jittratta wkoll miżuri rilevanti oħra nazzjonali u tal-politika tal-UE minħabba li hemm rabtiet ovvji u sinerġiji possibbli bejniethom.

Filwaqt li jittieħed kont tal-kwistjonijiet deskritti hawn taħt, il-Ministri huma ġentilment mistiedna jwieġbu l-mistoqsija li ġejja:

***Kif tista' l-politika pubblika tappoġġa bl-aħjar mod iċ-ċirkolazzjoni transkonfinali ta' kontenut awdjoviżiv Ewropew fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew?***

Sabiex il-Ministri kollha jingħataw opportunità jikkontribwixxu, l-interventi ser ikunu ristretti għal massimu ta' tliet minuti. F'każ li d-Direttiva dwar l-AVMS fil-fatt tinħareġ qabel il-laqgħa tal-Kunsill ta' Mejju, il-Ministri huma ovvjament liberi li jiddedikaw ħinhom għall-proposta u l-preżentazzjoni tal-Kummissjoni.

**SFOND**

## 1. Xena tal-media li tinbidel

Flimkien mat-tisħiħ tas-suq intern u l-kompetittività, il-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa ilha objettiv ewlieni tal-politika awdjoviżiva tal-UE, kemm jekk tkun film, sensiliet tad-drama, dokumentarji inkella animazzjoni[1]. Il-konverġenza tal-media globali tatha dimensjoni ġdida.

Ir-revoluzzjoni diġitali u l-emerġenza ta' atturi globali qed jaffettwaw ħafna aspetti tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-media. Il-proliferazzjoni ta' mezzi ġodda ta' distribuzzjoni jista' jkollha effett pożittiv kemm fuq l-ilħuq tal-udjenza kif ukoll fuq id-dħul tas-settur tal-medja. Wieħed mir-riskji, madankollu, huwa li n-negozju fis-suq Ewropew tal-media ser isiru aktar ta' sfida għall-atturi iżgħar u dawk ġodda. Barra minn hekk, il-kontenut Ewropew huwa iktar faċilment minsi minħabba l-firxa wiesgħa ta' għażliet (ġodda).

Sfida partikolari hija l-promozzjoni ta' ċirkolazzjoni transkonfinali ta' kontenut awdjoviżiv Ewropew. Hawn taħt hawn xi ċifri li juru dan:

– Fuq it-televiżjoni, xogħlijiet Ewropej imorru pjuttost tajjeb (64% tal-ħin ta' trażmissjoni), iżda fil-perjodu 2009-2010 8% biss ta' dan is-sehem kien jikkonsisti f'xogħlijiet Ewropej mhux nazzjonali[2].

---

1 Eż. Il-Premessi 65 – 67 u l-Artikoli 1 (1) u 16(1) tad-Direttiva 2010/13/UE (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1). Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221), b'mod partikolari l-Artikolu 4(b) u l-Artikolu 9 tiegħu (Sottoprogramm Media).

2 L-ewwel rapport dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 13, 16 u 17 tad-Direttiva 2010/13/UE għall-perjodu 2009-2010 - Promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej fis-servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba u skedati tal-UE (dok. 14233/12). Skont it-tieni rapport li jmiss mill-Kummissjoni, xogħlijiet Ewropej reġgħu kellhom sehem ta' 64% fl-2012. It-tieni rapport ma fih ebda ċifra aġġornata għal xogħolijiet Ewropej nazzjonali fuq it-televiżjoni meta mqabbla ma' dawk mhux nazzjonali.

– Fiċ-ċinema, l-għadd ta' films Ewropej prodotti żdied matul l-aħħar 5 snin, minn 4 474 li nħarġu fl-2010 għal 6 188 li nħarġu fl-2014[3]. Madankollu, il-films Amerikani jattiraw l-akbar udjenza (63% tal-ammissjonijiet fl-2014). Il-films nazzjonali spiss jiġu t-tieni fis-suq domestiku tagħhom (24%), iżda li jsibuha diffiċli jsibu udjenza barra l-pajjiż (9%)[4].
– Għal dak li hu video-on-demand, bħala medja 27% tal-films disponibbli f'katalgi huma Ewropej, bi 19% tal-films Ewropej mhux nazzjonali u 8% nazzjonali[5].

## 2. Dilemmi politiċi

Kemm l-evidenza empirika kif ukoll is-suq tal-media li qed jevolvi jitolbu konsiderazzjoni mill-ġdid ta' kif il-politiki pubbliċi jistgħu jrawmu bl-aħjar mod il-produzzjoni u d-distribuzzjoni awdjoviżivi Ewropej. Fil-livell tal-UE, f'Mejju 2015, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa[6], li tħabbar li ser tirrevedi d-Direttiva dwar l-AVMS, inklużi miżuri għall-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej. Il-promozzjoni ta' ċirkolazzjoni transnazzjonali hija wkoll prijorità fl-inizjattivi tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-awtur[7] u f'miżuri ta' akkumpanjament finanzjati mill-Programm Ewropa Kreattiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni varat Forum tal-Films fl-2014 biex ifittex sinerġiji bejn il-politiki nazzjonali u dawk tal-UE.

---

3 Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew/Lumiere, Rentrak. Għalkemm hemm żieda stabbli, iċ-ċifra għall-2014 trid tiġi interpretata b'attenzjoni peress li ma tistax tiġi stabbilita b'ċertezza sa liema punt iż-żieda qawwija fl-2014 kienet ikkawżata minn żieda fil-kopertura u sa fejn din tirrifletti żieda reali fl-għadd ta' films li jinħarġu. Fl-2013, l-għadd ta' films Ewropej li nħarġu kien ta' 4 916.

4 Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew/LUMIERE. Is-sehem ta' ammissjonijiet għal films minn pajjiżi oħra huwa ta' 3.7%. Magħduda bħala "films Ewropej" huma films li fil-parti l-kbira jkunu ffinanzjati f'pajjiż Ewropew, esklużi l-hekk imsejħa films ta' "investiment akkwistat", jiġifieri films li jsiru fl-Ewropa b'investiment akkwistat minn studjows Amerikani.

5 L-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew "L-oriġini ta' films fuq katalgi tal-VOD fl-UE" (April 2016). Ir-rapport jikkonċerna l-oriġini ta' films (mhux sensiliet tad-drama) li kienu disponibbli f'91 katalgu ta' video-on-demand selezzjonati fl-Unjoni Ewropea f'Ottubru 2015.

6 COM(2015) 192 final - dok. 8672/15.

7 Proposta għal regolament dwar l-iżgurar tal-portabbiltà transkonfinali tas-servizzi tal-kontenut onlajn fis-suq intern (COM (2015) 627 final – dok. 15302/15) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2015 dwar "Għal qafas aktar modern u Ewropew dwar id-drittijiet tal-awtur" (COM (2015) 626 final – dok. 15264/15).

Fil-livell nazzjonali, l-Istati Membri qed ukoll jevalwaw u jadattaw diversi politiki għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni awdjoviżwali, bħall-inċentivi finanzjarji (għotjiet, self b'imgħax baxx, ħelsien mit-taxxa), imposti u kwoti.

Dawk li jfasslu l-politika jaffaċċjaw għadd ta' dilemmi li fosthom hemm dawn li ġejjin:

*a) Ħolqien tal-kontenut vs ilħuq tal-udjenza*

Hemm żieda qawwija fil-ħolqien ta' kontenut, li hija interessanti mil-lat kreattivi, iżda hemm ukoll diskrepanza li qed tikber bejn l-għadd ta' films prodotti fl-Ewropa u l-għadd ta' films li qed jiġu ċċirkolati u murija, b'mod partikolari bejn il-fruntieri. Il-politiki pubbliċi għalhekk jidhru li qed jirnexxu inqas fl-appoġġ tal-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni. Għal pajjiżi u lingwi iżgħar, jidher li huwa partikolarment ta' sfida li jiġu sostnuti produzzjonijiet nazzjonali kif ukoll jiżdied l-appell internazzjonali tagħhom.

*b) Koproduzzjonijiet*

Il-Koproduzzjonijiet għandhom potenzjal li jiċċirkolaw aħjar minn naħa għal oħra tal-fruntieri minħabba li jiġu żviluppati bil-ħsieb ta'udjenza u suq Ewropej usa'. Hemm ħafna x'jista' jiġi ggwadanjat minn koproduzzjoni bejn il-pajjiżi, iżda il-kumplessità rigward il-finanzjament ta' koproduzzjonijiet Ewropej u dawk internazzjonali qed tikber. Investituri u produtturi minn pajjiżi differenti jridu jkunu konformi ma' regolamenti differenti u jissodisfaw kriterji differenti, li tirrendi l-kooperazzjoni internazzjonali dejjem aktar ta' sfida.

*c) Inċentivi nazzjonali ta' finanzjament*

L-appoġġ pubbliku jrid jikkonforma mal-liġi tal-UE speċjalment mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Filwaqt li l-finanzjament pubbliku qed jevolvi, il-parti l-kbira tal-iskemi għadhom marbuta ma' pajjiżi, pjattaformi (ċinema, televiżjoni, video-on-demand, realtà virtwali u logħob) jew ġeneri speċifiċi. Rigward tipi ġodda ta' kontenut awdjoviżwali li ma jistgħux jiġu kklassifikati f'ġeneru speċifiku, huwa aktar diffiċli li jinkiseb finanzjament minħabba li s-sistema għadha mhijiex adattata għal dinja tal-media konverġenti. Fl-istess ħin, huwa speċjalment dan it-tip ta' kontenut li juża sew pjattaformi differenti biex jintlaħqu gruppi differenti ta' udjenzi.

Peress li l-finanzjament permezz ta' għotjiet huwa taħt pressjoni, il-provvediment ta' ħelsien mit-taxxi jidher li huwa mod alternattiv biex jiġu attirati produzzjonijiet awdjoviżivi għat-territorji nazzjonali. Fl-istess ħin, dan jista' jwassal lill-Istati Membri tal-UE biex jikkompetu ma' xulxin, u mhux neċessarjament tiżdied iċ-ċirkolazzjoni ta' u d-domanda għal kontenut awdjoviżiv Ewropew.

*d) Kwoti*

Il-parti l-kbira ta' xandara tat-televiżjoni fl-Istati Membri jissodisfaw faċilment il-perċentwali minima ta' 50 fil-mija ta' xogħlijiet Ewropej preskritta mid-Direttiva dwar l-AVMS (l-Artikolu 16). Dan huwa l-aktar kontenut nazzjonali li għalih l-udjenzi domestiċi għandhom aptit naturali. Is-sistema attwali tal-kwoti għalhekk għandha effett limitat fuq iċ-ċirkolazzjoni transkonfinali.

Għal servizzi tal-video-on-demand, is-sitwazzjoni hija aktar kumplessa. Li wieħed ikollu ċertu ammont ta' xogħlijiet Ewropej f' katalgu ma jfissirx li t-telespettaturi fil-fatt ser isibuh u jarawh.

Id-Direttiva attwali dwar l-AVMS (l-Artikolu 13) tħalli spazju għat-testjar ta' approċċi differenti għal servizzi tal-video-on-demand u l-evalwazzjoni tal-effettività tagħhom f'suq relattivament ġdid. Madankollu, dan jirriżulta f'modi differenti kif tiġi implimentata d-direttiva mill-Istati Membri li jista' jkollu wkoll effett negattiv fuq il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.